MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 205/2003

**Bank of Valletta p.l.c**
**Vs**
**Simon u Doris mizzewgin Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet u talbet: illi bit-termini u kundizzjonjijiet imsemmija f'kuntratti datat 30 t'April 1997 fl-atti tan-Nuttar Dottor Sandro Schembri Adami (Dok. A), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenuti Simon u Doris mizzewgin Zammit;

Illi s-socjeta' attric tinsab kreditrici tal-konvenuti Simon u Doris mizzewgin Zammit fis-somma ta' tnejn u tletin elf, seba' mija u tmienja u tletin Liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm32,738.84) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' Simon u Doris mizzewgin Zammit mal-Bank

of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa B4; Dok C1 sa C5; u Dok D1 sa D4) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t’ Ottubru 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-Dokument A anness ma l-imsemmi kuntratt datat 30 t’April 1997 in atti Nutar Dottor Sandro Schembri Adami fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument A) partikolarment, imma hux esklussivament, billi l-konvenuti Simon u Doris missewgin Zammit (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u /jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Simon u Doris mizzewgin Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa;

Illi l-konvenuti gew interpellati permess ta’ ittra ufficjali datata 8 ta’ Jannar 2002 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok E, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-d-dokument markata bl-ittra A anness mal-kuntratt datat 30 t’April 1997 in atti Nutar Dottor Sandro Schembri Adami fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument A) partikolarment, imma hux esklussivament, billi l-konvenuti Simon u Doris missewgin Zammit (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u /jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Simon u Doris mizzewgin Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

2. Tikkundanna lil Simon u Doris mizzewgin Zammit fis-somma ta’ tnejn u tletin elf, seba’ mija u tmienja u tletin Liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm32,738.84) bilanc ghad-debitu fil-‘Loan Accounts’ ta’ Simon u Doris mizzewgin Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa B4; Dok C1 sa C5; u Dok D1 sa D4) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t’ Ottubru 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 8 ta’ Jannar 2002 u tal-Mandat ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunt minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal proceduri ohra ntavolati kontra l-istess konvenuti mis-socjeta attrici ghal bilanci ohra dovuti minnhom lis-socjeta attrici.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------